MALTA

ATT Nru. XI ta' l-1996

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT ta' l-1996 li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta.

ACT No. XI of 1996

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Constitution of Malta.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

Ugo Mifsud Bonnici
President

2 ta' April, 1996

Att Nru. XI ta' l-1996

ATT ta' l-1996 li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1996 li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda mal-Kostituzzjoni ta' Malta, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni".

(2) Dan l-Att għandu jibdą fis-seħħ minnufih wara x-xoljiment tal-Parlament li jaħbat wara l-hruġ tiegħu b'liġi.

Emenda ta' l-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni.

2. Minflok il-proviso għas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni għandu jidħol dan li ġej:

"Iżda meta —

(i) f'xi elezzjoni ġenerali, partit politiku wieħed jikseb fit-total kollu aktar minn ħamsin fil-mija tal-voti validi kollha mitfugħin f'dik l-elezzjoni, kif akkreditati lill-kandidati tiegħu mill-Kummissjoni Elettorali fl-ewwel għadd tal-voti kollha, iżda n-numru tal-kandidati tiegħu eletti f'dik l-elezzjoni jkun anqas mit-total tal-kandidati l-oħra li jiġu eletti; jew

(ii) f'elezzjoni ġenerali li tkun kontestata minn aktar minn żewġ partiti politiċi u li fiha kandidati minn tnejn biss minn dawn il-partiti jiġu eletti, partit politiku jġib perċentwali tal-voti validi kollha mitfugħin f'dik l-elezzjoni, kif akkreditati lill-kandidati ta' dak il-partit mill-Kummissjoni Elettorali fl-ewwel għadd tal-voti kollha, li tkun aktar minn dik il-perċentwali li jġib xi partit wieħed ieħor, iżda n-numru tal-kandidati eletti għall-istess partit f'dik l-elezzjoni jkun anqas min-numru tal-kandidati l-oħra hekk eletti,

in-numru tal-membri tal-Kamra tad-Deputati għandu jiżdied bin-numru ta' membri li jkun meħtieġ biex il-partit li jġib aktar minn ħamsin fil-mija, jew il-perċentwali ogħla, tal-voti validi kollha, kif ikun il-każ, ikollu membru wieħed aktar mit-total tal-kandidati l-oħra eletti f'dik l-elezzjoni; u f'kull każ bħal dan, dawk il-kandidati għandhom jiġu dikjarati mill-Kummissjoni Elettorali bħala eletti biex jimlew il-postijiet addizzjonali miżjuda b'dan il-proviso illi, billi jkunu kandidati tal-partit l-aħħar imsemmi f'dik l-elezzjoni, kienu ġew akkreditati mill-Kummissjoni Elettorali fl-aħħar għadd bl-ogħla jew l-eqreb ogħla numru ta' voti mingħajr ma jkunu ġew eletti rrispettivament minn liema jkun id-distrett elettorali li fih jirrikorri dak l-ogħla jew l-eqreb ogħla numru ta' voti.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 526 tas-27 ta' Marzu, 1996.

LAWRENCE GONZI
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati.